MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 279/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Robert BELL [ID No. 35985A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-6 ta' Mejju, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' seba' mija tlieta u sebghin euro u disgha u tletin ċenteżmu [€773.39c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' seba' mija u tlieta u sebghin ewro u disgha u tletin centezmi (€773.39) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50939667 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-

Registru Elettorali, u Dok IZY4- kopja ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2013, nhar it-23 ta' Ottubru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-23 ta' Ottubru, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' seba' mija tlieta u sebghin euro u disgha u tletin ċenteżmu [€773.39c] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------